VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,300, 26 ta' Awwissu, 2014
Taqsima B

A.L. 299 tal-2014

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 399.37

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. (1) Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "l-Att" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"liċenza" tfisser liċenza ta' radjokomunikazzjoni individwali maħruġa kif hemm fid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att;".

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Ħlas ta' penali minflok ma tinbeda prosekuzzjoni.

3. (1) Il-Ministru jista', fil-każ ta' reat li jsir għall-ewwel darba bi ksur tal-artikolu 28(1) tal-Att, jew l-Awtorità fil-każ ta' reat li jsir għall-ewwel darba bi ksur tal-artikolu 30(2) tal-Att, minflok ma jibda proċedimenti kriminali kontra l-ħati dwar dak il-ksur, jagħmel ftehim bil-miktub mal-ħati li permezz tiegħu dak il-ħati jħallas multa ta' mhux anqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u mhux iżjed minn elf euro (€1,000) hekk li dik il-multa għandha tiġi stabbilita fid-diskrezzjoni tal-Ministru jew tal-Awtorità, hekk kif ikun il-każ, skont kemm ikun gravi r-reat, u din għandha tiġi komunikata lill-ħati skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda f'dak il-ftehim il-Ministru jew l-Awtorità, kif jista' jkun il-każ, jista' jinkludi dawk il-kundizzjonijiet li l-Ministru jew l-Awtorità jistgħu jqisu li jkunu meħtieġa biex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 28(1) jew 30(2) tal-Att, hekk kif ikun il-każ, inkluż iżda mhux limitat għall-konsenja mill-ħati ta' kull apparat li r-reat ikollu x'jaqsam miegħu lil dik l-enti pubblika li tista' tiġi msemmija fil-ftehim.

(2) Hekk kif dak il-ftehim jiġi ffirmat mill-Ministru jew l-Awtorità min-naħa waħda u mill-ħati min-naħa l-oħra, u wara li jsir il-ħlas ta' dik il-multa u jkun hemm konformità mill-ħati ma' kull kundizzjoni li tista' tiġi stipulata f'dak il-ftehim, għaldaqstat għandha tintemm kull responsabbiltà kriminali tal-ħati dwar dak ir-reat.".

Jissostitwixxi r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Proċedura meta persuna tonqos milli tħallas id-dritt dovut.

4. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 28 jew 30 tal-Att u, jew tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, l-ebda azzjoni m'għandha tittieħed kontra persuna li, għax kellha liċenza, tonqos milli tħallas id-dritt tal-liċenza sad-data tal-iskadenza ta' dik il-liċenza, u li tħallas, fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta tirċievi sejħa bil-miktub għaldaqstant, penali kif hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti b'żjieda mad-dritt dovut għat-tiġdid ta' dik il-liċenza:

Iżda jekk persuna tonqos milli tħallas id-dritt tal-liċenza dovut u l-penali li tkun tapplika għal dan fiż-żmien imsemmi f'dan ir-regolament, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 jew 30 tal-Att għandhom ikunu għaldaqstant, u kif ikun il-każ, japplikaw.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jew taħt l-artikolu 31 ta' l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "jew taħt it-Taqsima IV tal-Att".

Iżid Skeda mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 4)

Meta persuna tħallas dritt ta' liċenza fiż-żmien stipulat fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti dik il-persuna għandha, hekk kif jiddependi mill-ammont imsemmi fl-ewwel kolonna, tħallas ukoll il-penali murija fit-tieni kolonna:

Meta d-dritt ta' liċenza dovut mhux iżjed minn €250	€10
Meta d-dritt ta' liċenza hu iżjed minn €250 iżda inqas minn €1,000	€25
Meta d-dritt ta' liċenza hu iżjed minn €1,000 iżda inqas minn €2,500	€50
Meta d-dritt ta' liċenza hu iżjed minn €2,500	tnejn fil-mija tad-dritt ta' liċenza dovut

".